**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 28 ta' Settembru 2020 (OR. en)**

**11201/20**

**Fajl Interistituzzjonali: 2020/0282(NLE)**

**PECHE 261**
**UK 55**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Settembru 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 626 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni għall-adeżjoni ma' dik il-Konvenzjoni sottomessa mir-Renju Unit u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/937 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 626 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 626 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2020
COM(2020) 626 final

2020/0282 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni għall-adeżjoni ma' dik il-Konvenzjoni sottomessa mir-Renju Unit u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/937

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-korp stabbilit bil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni NASCO") b'rabta mal-adeżjoni – għan-nom tiegħu stess matul il-perjodu ta' tranżizzjoni – tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Renju Unit") ma' dik il-Konvenzjoni.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni u r-Renju Unit innegozjaw ftehim dwar il-ħruġ skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ[2] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020, wara li ġie miftiehem fis-17 ta' Ottubru 2019, flimkien mad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas tas-sħubija futura bejn l-UE u r-Renju Unit.

L-Artikolu 127(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu d-dritt tal-Unjoni se jkompli jkun applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit, ("perjodu ta' tranżizzjoni"). Il-perjodu ta' tranżizzjoni jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. L-Artikolu 129(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit huwa marbut bl-obbligi tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, mill-Istati Membri li jaġixxu f'isimha, jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu b'mod konġunt. L-Artikolu 129(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, ir-Renju Unit għandu jżomm lura, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, milli jieħu kwalunkwe azzjoni jew inizjattiva li aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas ta' kwalunkwe organizzazzjoni, aġenzija, konferenza jew forum internazzjonali li għalihom ir-Renju Unit ikun Parti għan-nom tiegħu stess.

L-Unjoni infurmat lis-sħab internazzjonali tagħha dwar l-arranġamenti speċifiċi stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Ftehim jiddikjara li, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni.

Bħalissa l-Konvenzjoni NASCO tapplika għar-Renju Unit minħabba l-fatt li l-Unjoni hija Parti Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni. Dan mhux se jibqa' l-każ dakinhar li r-Renju Unit ma jibqax kopert mill-Konvenzjoni NASCO bħala Stat Membru tal-Unjoni.

L-għan ewlieni tal-Konvenzjoni NASCO huwa "li tikkontribwixxi permezz ta' konsultazzjonijiet u kooperazzjoni għall-konservazzjoni, ir-restorazzjoni, it-titjib u l-maniġġjar razzjonali tal-ħażniet tas-salamun, billi titqies l-aħjar xhieda xjentifika disponibbli għaliha". Il-Konvenzjoni NASCO daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1983. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa d-Depożitarju tal-Konvenzjoni NASCO.

Fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Frar 2019, ir-Renju Unit bagħat applikazzjoni lill-President tal-kunsill tan-NASCO li fiha talbu japprova l-adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni NASCO. Fil-

1 *ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24.*

2 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

11 ta' Marzu 2019, is-Segretarjat tan-NASCO għarraf lill-Partijiet kollha tal-Konvenzjoni b'dan, fosthom lill-Kummissjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni NASCO, hemm bżonn tal-approvazzjoni tal-kunsill tan-NASCO minn qabel biex l-adeżjoni tar-Renju Unit titqies li hija valida.

Ir-Renju Unit iċċara li huwa bagħat l-applikazzjoni tiegħu bħala parti mill-ippjanar ta' kontinġenza f'każ li ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ. Fl-applikazzjoni tiegħu, ir-Renju Unit speċifika li "[f]'każ li jiġi ffirmat, irratifikat u approvat il-Ftehim dwar il-ħruġ, […] ir-Renju Unit mhux se jiddepożita l-Istrument tal-adeżjoni tiegħu biex jissieħeb fin-NASCO bħala pajjiż għan-nom tiegħu stess b'effett mill-mument tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea".

Fis-27 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/937[3] dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni. Dik id-deċiżjoni kienet favorevoli għall-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO, iżda l-approvazzjoni kellha tingħata mill-mument li d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

F'konformità mal-Artikolu 129(4) tal-Ftehim, tul il-perjodu tat-tranżizzjoni, ir-Renju Unit jista' jinnegozja, jiffirma u jirratifika ftehimiet internazzjonali li jidħol għalihom fil-kapaċità tiegħu stess fl-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, dment li dawk il-ftehimiet ma jidħlux fis-seħħ jew ma jkunux japplikaw matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm ma jkunux awtorizzati għal dan mill-Unjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/135[4] tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-għoti ta' tali awtorizzazzjonijiet.

Permezz tal-ittra tiegħu tat-3 ta' April 2020, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li jesprimi l-kunsens tiegħu li jkun marbut, fil-kapaċità tiegħu stess, mill-Konvenzjoni NASCO.

Fid-9 ta' Lulju 2020, is-Segretarjat irċieva email mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (id-depożitarju tal-Konvenzjoni NASCO) li mehmuża magħha kien hemm applikazzjoni mir-Renju Unit biex jaderixxi mal-Konvenzjoni NASCO u ittra lill-President tan-NASCO. Din ġiet iċċirkolata fl-24 ta' Lulju 2020. L-ittra lill-President tgħid li *"Ir-Renju Unit biħsiebu jaderixxi mal-Konvenzjoni b'mod konsistenti mal-obbligi tiegħu skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ..."*.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill XXX[5] tawtorizza lir-Renju Unit biex jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabat, fil-kapaċità tiegħu stess, mill-Konvenzjoni NASCO peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/135 huma ssodisfati.

---

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/937 tas-27 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni, *ĠU L 149, 7.6.2019, p. 61.*

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1.

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/XXX ta' [data] dwar l-awtorizzazzjoni tar-Renju Unit biex jesprimi l-kunsens tiegħu li jkun marbut, fil-kapaċità tiegħu stess, minn ċerti ftehimiet internazzjonali li jidħlu fis-seħħ jew li jiġu applikati matul il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L xxx, xxx, p. xxx).

### 2.1. L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana

L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana hija organizzazzjoni internazzjonali stabbilita permezz tal-Konvenzjoni NASCO. Din ġiet stabbilita billi tqiesu b'mod dirett id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-istokkijiet tal-ħut anadromu stabbiliti fl-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UNCLOS")[6].

Il-Konvenzjoni tapplika għall-istokkijiet tas-salamun salvaġġ li, tul il-firxa migratorja kollha tiegħu, ipassi lil hinn miż-żoni li fihom is-sajd jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-istati kostali tal-Oċean Atlantiku li jinsabu fit-Tramuntana tal-latitudni 36° N.

Għalhekk in-NASCO hija responsabbli għar-regolazzjoni tas-sajd għas-salamun salvaġġ fil-baħar fl-Atlantiku tat-Tramuntana kollu. Tittratta wkoll mistoqsijiet dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tas-salamun salvaġġ. F'kuntest usa', in-NASCO tqis ukoll miżuri applikabbli oħrajn għall-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Partijiet Kontraenti skont kif ikun meħtieġ, biex tkun żgurata s-sopravivenza tas-salamun salvaġġ tal-Atlantiku.

In-NASCO għandha personalità ġuridika u, fir-relazzjonijiet tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti, tgawdi mill-kapaċità ġuridika meħtieġa biex twettaq dmirijietha u biex tikseb l-għanijiet tagħha.

### 2.2. In-NASCO

In-NASCO hija magħmula minn kunsill, minn tliet Kummissjonijiet reġjonali (il-Kummissjoni tal-Amerka ta' Fuq, il-Kummissjoni tal-Atlantiku tal-Grigal u l-Kummissjoni ta' Greenland tal-Punent) u minn Segretarjat. Il-kunsill għandu rappreżentanti mill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni: Il-Kanada, id-Danimarka (fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe u Greenland), l-Unjoni Ewropea, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka. Franza tieħu sehem fil-laqgħat tan-NASCO bħala osservatur (għal Saint Pierre u Miquelon).

L-Unjoni Ewropea hija Parti għall-Konvenzjoni NASCO għaliex is-suġġett tagħha jaqa' fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd, li għaliha l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva. L-Istati Membri huma koperti mill-Konvenzjoni NASCO skont id-dritt tal-Unjoni.

L-Unjoni Ewropea hija membru sħiħ tal-Kummissjoni tal-Atlantiku tal-Grigal u tal-Kummissjoni ta' Greenland tal-Punent. Fil-Kummissjoni tal-Amerka ta' Fuq, l-Unjoni Ewropea għandha d-dritt tressaq proposti għal miżuri regolatorji dwar l-istokkijiet tas-salamun salvaġġ li joriġinaw fit-territorji tagħha, u tivvota fuqhom. Għal dan il-għan, l-Unjoni titqies li hija membru ta' din il-kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-analiżi tat-tali proposti.

### 2.3. L-att previst tan-NASCO

Fil-Konvenzjoni NASCO jista' jissieħeb kull Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li minnu joriġinaw l-istokkijiet tas-salamun, dejjem jekk il-kunsill tan-NASCO japprova dan.

Fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Frar 2019, ir-Renju Unit bagħat applikazzjoni lill-President tal-kunsill tan-NASCO li fiha talbu japprova l-adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni NASCO. Fil-11 ta' Marzu 2019, is-segretarjat tan-NASCO għarraf lill-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni b'din it-talba, fosthom lill-Kummissjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni

[6] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.

NASCO, hemm bżonn tal-approvazzjoni tal-kunsill tan-NASCO minn qabel biex l-adeżjoni tar-Renju Unit titqies li hija valida.

Id-deċiżjonijiet tal-kunsill tan-NASCO jridu jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-membri preżenti li jkunu vvutaw favur jew kontra l-kwistjoni. Ma tista' ssir l-ebda votazzjoni jekk ma jkunux preżenti żewġ terzi tal-membri tal-kunsill.

Wara dan, l-istrumenti tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni jridu jiġu ddepożitati għand id-depożitarju. Għal kull parti li tissieħeb fil-Konvenzjoni NASCO wara li tiddepożita l-istrumenti meħtieġa tar-ratifika, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fid-data tad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni.

## 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-għan ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa li l-Kummissjoni tkun tista' tapprova, f'isem l-Unjoni, l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO.

Objettiv ewlieni tal-politika komuni tas-sajd, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] huwa li jiġi żgurat "*li l-attivitajiet tas-sajd huma ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli u huma ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, u r-ripristinar u ż-żamma tal-istokkijiet tal-ħut f'livelli superjuri għal dawk li jkunu kapaċi jipproduċu rendiment sostenibbli massimu u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.*"

Huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet tas-salamun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS, mal-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Awwissu 1995[8] ("UNFSA"), jew ma' kull ftehim internazzjonali ieħor jew kull standard ieħor skont id-dritt internazzjonali.

Skont l-Artikolu 66 tal-UNCLOS, l-istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw l-istokkijiet anadromi għandhom l-interess primarju fit-tali stokkijiet u huma responsabbli għalihom. L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi jrid jiżgura l-konservazzjoni tagħhom billi jistabbilixxi miżuri regolatorji xierqa għas-sajd fl-ilmijiet kollha li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklużiva tiegħu. F'każijiet fejn l-istokkijiet anadromi jpassu lejn ilmijiet li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat li ma jkunx l-Istat tal-oriġini tagħhom, jew fejn dawn ipassu minn dawk l-ilmijiet, dak l-Istat irid jikkoopera mal-Istat tal-oriġini għall-fini tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni tal-istokk.

L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi u l-Istati l-oħrajn li jistadu għal dawn l-istokkijiet iridu jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-UNCLOS. Tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

---

[7] *ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.*

[8] Il-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) – Dikjarazzjoni dwar il-kompetenza tal-Komunità Ewropea – Dikjarazzjonijiet ta' interpretazzjoni, ĠU L 189, 3.7.1998, p. 17.

Bħala Stat tal-oriġini u Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd, ir-Renju Unit għandu interessi leġittimi fi ħdan iż-Żona tal-Konvenzjoni NASCO safejn l-ilmijiet li jaqgħu fiż-żona ekonomika esklużiva tiegħu u l-ibħra internazzjonali li jmissu magħhom jaqgħu fi ħdan iż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NASCO.

Bis-saħħa tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO, ir-Renju Unit ikun jista' jikkoopera fuq il-miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-salamun, filwaqt li jitqiesu kif dovut id-drittijiet, l-interessi u d-dmirijiet ta' pajjiżi oħrajn u tal-Unjoni Ewropea, u jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu b'mod li ma jwassalx biex l-istokk jew l-istokkijiet jiġu sfruttati b'mod mhux sostenibbli.

Fid-dawl tal-interessi leġittimi li r-Renju Unit għandu b'rabta mas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni NASCO, tal-obbligu li dan il-pajjiż għandu li jikkoopera b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd u tal-ħtieġa li jiġi żgurat il-karattru vinkolanti tad-deċiżjonijiet tan-NASCO malli r-Renju Unit jaderixxi magħha, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-applikazzjoni tar-Renju Unit tiġi approvata.

Qed jiġi propost li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tgħarraf lill-President tal-kunsill tan-NASCO bil-pożizzjoni tal-Unjoni favur l-adeżjoni tar-Renju Unit mill-mument li d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u li din tivvota b'dan il-mod fil-kuntest tal-kunsill tan-NASCO meta tkun se tivvota dwar is-sħubija tar-Renju Unit.

Jixraq li titħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/937 sabiex l-approvazzjoni tal-Unjoni għall-adeżjoni tkun tista' tingħata qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[9].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Mal-Konvenzjoni NASCO jista' jaderixxi kull Stat li jeżerċita l-ġuriżdizzjoni tas-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana, jew li huwa Stat tal-oriġini għall-istokkijiet tas-salamun, dejjem jekk il-kunsill tan-NASCO japprova dan.

Id-deċiżjonijiet tal-kunsill tan-NASCO jridu jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-membri li jkunu preżenti u li jkunu vvutaw favur jew kontra l-kwistjoni. Ma tista' ssir l-ebda votazzjoni jekk ma jkunux preżenti żewġ terzi tal-membri tal-kunsill tan-NASCO.

---

[9] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-adeżjoni jkollha effett bid-depożitu ta' strument ta' adeżjoni għand id-Depożitarju u issir effettiva mid-data meta jiġi riċevut.

Id-Depożitarju jgħarraf lill-Firmatarji kollha u lill-partijiet kollha li jkunu se jaderixxu bl-istrumenti tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni li jkunu ġew iddepożitati, u jgħarrafhom bid-data u bil-Partijiet li għalihom tkun se tidħol fis-seħħ din il-Konvenzjoni.

Ladarba tidħol fis-seħħ l-adeżjoni tar-Renju Unit, din tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformtià mal-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni NASCO u tkun tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni NASCO. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu diversi għanijiet jew diversi komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-oħrajn ikunu biss inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika komuni tas-sajd.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43 tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2020/0282 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni għall-adeżjoni ma' dik il-Konvenzjoni sottomessa mir-Renju Unit u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/937

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana[1] (il-"Konvenzjoni NASCO") ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE[2] u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1983.

(2) Bħalissa l-Konvenzjoni NASCO tapplika għar-Renju Unit bħala riżultat tal-fatt li l-Unjoni hija Parti Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni NASCO, il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-adeżjoni, soġġett għall-approvazzjoni tal-kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana stabbilit bil-Konvenzjoni NASCO, minn kwalunkwe Stat li jeżerċita ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li huwa Stat tal-oriġini għall-istokkijiet tas-salamun.

(4) Fis-27 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/937[3] dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni NASCO fir-rigward tal-applikazzjoni għall-adeżjoni ma' dik il-Konvenzjoni. Dik id-deċiżjoni kienet favorevoli għall-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO, iżda l-approvazzjoni kellha tingħata mill-mument li d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

---

1 ĠU L 378, 31.12.1982, p. 25.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE tat-13 ta' Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/937 tas-27 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni, *ĠU L 149, 7.6.2019, p. 61.*

(5) F'konformità mal-Artikolu 129(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jista' jinnegozja, jiffirma u jirratifika ftehimiet internazzjonali li jkun daħal għalihom fil-kapaċità tiegħu stess fl-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, dment li dawk il-ftehimiet ma jidħlux fis-seħħ jew ma jkunux japplikaw matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm ma jkunux awtorizzati għal dan mill-Unjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135[4] tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-għoti ta' tali awtorizzazzjonijiet.

(6) Permezz tal-ittra tiegħu tat-3 ta' April 2020, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li jesprimi l-kunsens tiegħu fil-kapaċità tiegħu stess, li matul il-perjodu ta' tranżizzjoni jkun marbut mill-Konvenzjoni NASCO

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/XXX[5] tawtorizza lir-Renju Unit biex jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabat, fil-kapaċità tiegħu stess, mill-Konvenzjoni NASCO peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/135 huma ssodisfati.

(8) Skont l-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ("UNCLOS")[6], l-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw l-istokkijiet anadromi għandhom l-interess primarju fit-tali stokkijiet u huma responsabbli għalihom. L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi jrid jiżgura l-konservazzjoni tagħhom billi jieħu miżuri regolatorji xierqa għas-sajd fl-ilmijiet kollha li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklużiva tiegħu. F'każijiet fejn li l-istokkijiet anadromi jpassu lejn ilmijiet li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat li ma jkunx l-Istat tal-oriġini tagħhom, jew fejn dawn ipassu minn dawk l-ilmijiet, l-Istat irid jikkoopera mal-Istat tal-oriġini għall-fini tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk.

(9) Sabiex jiġi evitat is-sajd mhux sostenibbli, huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet tas-salamun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS, mal-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Awwissu 1995 ("UNFSA")[7], u ma' kull ftehim internazzjonali ieħor jew ma' kull standard ieħor skont id-dritt internazzjonali.

(10) Kif previst fl-Artikolu 66 tal-UNCLOS, l-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi u l-Istati l-oħrajn li jistadu għal dawn l-istokkijiet iridu jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu. Tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

---

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/XXX ta' [data] dwar l-awtorizzazzjoni tar-Renju Unit biex jesprimi l-kunsens tiegħu li jkun marbut, fil-kapaċità tiegħu stess, minn ċerti ftehimiet internazzjonali li jidħlu fis-seħħ jew li jiġu applikati matul il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L xxx, xxx, p. xxx).

6 ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.

7 ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.

(11) Bl-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO ir-Renju Unit ikun jista' jikkoopera fuq il-miżuri meħtieġa ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni, filwaqt li jitqiesu kif dovut id-drittijiet, l-interessi u d-dmirijiet ta' pajjiżi oħrajn u tal-Unjoni, u jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu b'mod li jwassal biex l-istokkijiet tas-salamun ikkonċernati jiġu sfruttati b'mod sostenibbli.

(12) Bl-adeżjoni tar-Renju Unit qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni ir-Renju Unit ikun jista' jagħti effett sħiħ lill-obbligi li jirriżultaw mill-UNCLOS fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li jidħlu fis-seħħ mill-mument li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni u d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għalih. Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li tapprova l-applikazzjoni mressqa mir-Renju Unit biex jaderixxi mal-Konvenzjoni NASCO.

(13) Fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2019/937 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana ("il-kunsill tan-NASCO") stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana ("il-Konvenzjoni NASCO") għandha tkun li tapprova l-applikazzjoni għall-adeżjoni tar-Renju Unit ma' dik il-Konvenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tivvota fil-kunsill tan-NASCO dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni NASCO u dwar is-sħubija tar-Renju Unit fil-Kummissjoni ta' Greenland tal-Punent u tal-Kummissjoni tal-Atlantiku tal-Grigal.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/937 hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*